Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 181/2018

Il-Pulizija

Vs

Gordon Abela

Illum 14 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gordon Abela detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 52980M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fil-21 ta' Dicembru 2017 ghall-habta ta' 14:00hrs hdejn il-hanut Japanese Auto Parts fi Triq is-Sebh, Hal Qormi kif ukoll fil-hinijiet u l-granet ta' qabel din data u hin:

1. Ghamel ingurja u theddid mhux imsemmijin banda ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
2. Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Angelus Spiteri, Andy u Carmen Spiteri, u lil Emmanuel Sammut.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' April, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati taz-zewg akkuzi;

Rat l-Art 339(1)(e) u Art 251 A(1)(a) u (1)(b) tal-Kap 9. Ikkundannatu ghal xahar prigunerija u multa ta' €2500.

Bl-applikazzjoni tal-Art 383 tal-Kap 9;

Ordnat lill-imputat biex ma jimmolestax lil Angelus Spiteri, Andy Spiteri u Carmen Spiteri u Emmanuel Sammut ghal zmien sena millum taht penali ta' €2500 fil-konfront ta' kull wiehed minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gordon Abela, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' April 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Gordon Abela huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fin-nuqqasijiet procedurali li bid-dovut rispett gew kommessi mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi huwa principju legali ferm ribadut illi persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm il-kuntrarju jigi ppruvat. Iktar minn hekk huwa ben saput illi min jallega jrid jipprova u ghaldaqstant hija l-prosekuzzjoni li ghandha ggib il-provi li jmorru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni sabiex il-Qorti, wara li tkun ezaminat tali provi, tkun tista' tasal ghal decizjoni. Iktar minn hekk, filwaqt li l-esponenti jaghraf li mhux kwalunkwe dubju ghandu jopera a favurih, madanakollu, il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni ghandhom ikunu univoci u sufficjenti sabiex ma jhallu lok ghall-ebda dubju dettat mir-raguni.

Fir-rigward tal-appell odjern l-Ewwel Qorti mhux talli ma segwitx dawn il-massimi procedurali li huma proprju l-qafas tal-istitut legali fil-kamp kriminali talli seduta stante, wara li l-parte civili bl-ebda mod ma setghu jiftakru d-data jew imqar il-mertu tar-rapport, l-Ewwel Qorti dehrilha li ghandha tassumi Hi l-irwol tal-prosekutur. Illi dan l-agir irrenda ruhu fi ksur lampanti procedurali bil-beneficcju u l-pregudizzju terminali li dan igib mieghu li mhux biss l-Ewwel Qorti staqsiet mistoqsijiet lill-parte civili b'mod dirett sabiex tittenta tghinu jiftakar izda wara li dan xorta wahda baqa' jitfixkel u bl-ebda mod ix-xhieda tieghu ma kienet taghmel sens mal-akkuza, l-Ewwel Qorti minn jeddha identifikat lill-parte civile bid-data, gharfitilhom il-kontenut tar-rapport u wara staqsiet jekk kellhomx kwalunkwe kummenti li xtaqu jzid ma' dak li xehdet l-Ewwel Qorti.

Illi f'dan l-istadju u anki fuq din il-konsiderazzjoni biss, l-appellanti wkoll kellu b'mod immedjatament jigi mehlus minn kull htija, dan u aktar fid-dawl tal-fatt li r-rapport tal-parte civile kien wiehed ta' tpattija sabiex jimmaskla l-incident li kienu kkawzaw huma nfushom.

2. Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament zbaljat li sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi meta l-Ewwel Qorti giet rinfaccjata b'xhieda fejn il-parte civile fuq kontro-ezami tad-difiza hareg fil-berah li dakinhar tal-incident kien hemm taqbida shiha, l-Ewwel Qorti kellha taghti piz ghan-nuqqas ta' identifikazzjoni ta' min seta' qal xiex. Illi fix-xhieda tieghu Angelus Spiteri ilmenta li skont hu l-appellanti kien qieghed jipprova johodlu ritratt pero` ma identifikax jekk intuzatx il-kelma 'kurnut', madanakollu, Andy Spiteri xehed li l-glieda bdiet minhabba li hu hassu offiz bl-uzu tal-kelma kurnut. L-unika fatt li hareg b'mod inekwivoku mix-xhieda kien biss li certament il-parte civile kienu marru lesti ghall-glied u mhux hekk biss anzi kkonfermaw li kien hemm il-filmat li kien ingab bi prova fil-kawzi precedenti kontra taghhom infushom fejn Andy Spiteri ammetta li qabad minn ghonqu tifel neputi tal-appellanti u Angelus Spiteri beda jaghmel sinjali minaccuzi li ser jaqta' ras l-appellanti.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti certament ma setghetx issib htija fl-appellanti fir-rigward tal-ewwel akkuza meta ma giex stabbilit li dan id-diskors verament intqal, anzi gie biss stabbilit li din il-kelma ntuzat mill-parte civile nnifsu fl-awla dakinhar tas-seduta meta indirizza l-appellanti! Illi l-unika xhieda li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti kienet biss l-ammissjoni tal-parte civile li huma refghu jdejhom fuq l-appellanti. L-Ewwel Qorti kellha l-obbligu li tisma' x-xhieda fit-totalità taghha u ma tippermettix li zball burokratiku (li l-kawza fejn l-appellanti kien parte civile) tfixkel milli tohrog il-verità u sahansitra ma tikkoncedix lid-difiza sabiex tiddikjara li l-kawzi ghandhom jigu konnessi kif kien il-hsieb originali.

3. Illi t-tielet aggravju tal-appellanti jistrieh fuq il-legalità li ggorr maghha t-tieni imputazzjoni.

Illi l-appellanti jhossu aggravat bil-konsiderazzjoni legali li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghandu jigi rilevat li l-appellanti gie akkuzat b'akkuzi marbuta ma' data u hin specifiku u cioe` dak ta' nhar il-21 ta' Dicembru 2017 b'hin specifiku ghall-habta ta' 14.00 hrs. F' nuqqas ta' kull prova ohra u dan anki sahansitra fl-assenza ta' kwalunkwe rapport jew sentenza ohra fil-konfront ta' Gordon Abela l-akkuza u cioe` r-reat tal-fastidju bl-ebda mod ma seta' jissussisti.

Illi riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**: "Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Massimo Tivisini deciz fis-27 ta' Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat: *"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir*

*precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07] :- "…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien." […] Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b' mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing ... distress') lill-persuna. […] Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-* ***forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt****, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati". Din il-Qorti zzid dan li gej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel żewġ artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: 'A person must not pursue a course of conduct' li fil-liġi tagħna hekk: 'Persuna li ġġib ruħha'. Skont l-Archbold: 'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC). In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or*

*distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her. Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".*

*Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed. Minn dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li gie pruvat il-course of conduct rikjest sabiex tista' tinsab htija tal-imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Ma jirrizultax li kien hemm xi atteggjament da parte tal-imputat ... li jista' jigi kunsidrat bhala wiehed ripetittiv u persistent. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.*

Dan kollu gie ritenut u enfasizzat fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Brian Vella** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Lulju, 2014.

Ghaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-interpretazzjoni kostanti tal-Ligi kif gie espost hawn iktar 'il fuq, il-kaz in ezamina kontra l-appellanti bl-ebda mod qatt ma jista' jirrizulta taht ir-reat tal-fastidju. Il-parte civile kellhom kull opportunità sabiex jipprezentaw kwalunkwe rapport iehor fil-konfront tal-esponenti, izda kemm Angelus Spiteri kif ukoll ibnu Andy Spiteri naqsu milli jaghmlu dan izda kkonfermaw biss li fil-glied partikolari li nqala' dakinhar minhabba 'l-ghira' li huma semmew huma stess marru ghall-glied u refghu jdejhom fuq l-appellanti u l-familja tieghu. Illi dan agir mhux talli bl-ebda mod qatt ma jista' jaddebita l-*mens rea* rikjesta mil-ligi sabiex jissussisti r-reat tal-fastidju jew sahansitra l-agir kontinwu u persistenti li jdejjaq izda jsahhah biss it-tezi tal-appellanti fir-rigward tal-aggravji

precedentement ilmentati minnu. Dan jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt, li bla pregudizzju ghat-tezi esposta fir-rigward tan-necessità ta' *'course of conduct'*, li wiehed seta' qal il-kelma 'kurnut' waqt li huwa jkun qed jissubixxi attakk vjolenti certament ma jinkwadrax taht ir-reat ta' fastidju u sahansitra jwassal biex l-esponenti jinstab hati ta' tali akkuza bil-konsegwenzi estremi kollha li din il-kundanna gabet maghha. Fil-kaz odjern, din l-akkuza bl-ebda mod ma tista' tigi riavvizata u certament ma tissodisfax it-test tar-*"reasonableness"* li tirrikjedi l-Ligi liema test hu, *"the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness"*.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost ir-raba' aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Onorabbli xejn ma qieset il-fatt li minkejja n-notifika pozittiva ta' Carmen Spiteri u Emmanuel Sammut dawn xorta wahda ma attendewx ghas-smigh tal-kawza. Iktar minn hekk, mhux talli qajla kellhom interess fir-rapport taghhom talli iktar minn hekk, l-avukat difensur tal-parte civile ddikjara li qieghed jirrinunzja ghal tali xhieda.

Illi anki fuq dan il-punt biss ukoll l-Ewwel Qorti kellha jdejha marbuta u ma setghetx bl-ebda mod issib htija fl-appellanti fil-konfront ta' Emmanuel Sammut u Carmen Spiteri. Ta' min wiehed jghid li sfortunatament dan l-aggavju u s-sejbien ta' htija fil-konfront ta' dawn il-persuni (minkejja n-nuqqas ta' xhieda taghhom u r-rinunzja tal-istess) isahhah l-argument tad-difiza u cioe` li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet digà kitbet is-sentenza li ser tinghata fil-bidu tal-kawza (fatt li tattestah l-avukat sottoskritt).

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet digà fformulat il-*forma mentis* taghha u dan minkejja li x-xhieda kienet ghadha ser tibda tinstema'. L-Ewwel Qorti kitbet is-sentenza in kwistjoni, gharfet li l-irwol tal-fastidju ma jissustix, u kien biss wara kumment superfluwu tal-avukat tal-parte civile waqt ix-xhieda ta' Angelus Spiteri nnifisha (l-ewwel xhud) li f'daqqa wahda ddecidiet li l-akkuza tissussisti kif jidher car il-kancellament iskritt fuq is-sentenza u l-formulazzjoni gdida tal-piena waqt id-deposizzjoni tal-ewwel xhud tal-prosekuzzjoni.

Illi certament wiehed jaghder u jifhem il-piz u anki l-ammont ta' kawzi li jkun hemm fuq il-lista f'seduta partikolari, madanakollu dan il-fatt ma ghandu jbiddel xejn fir-rigward tal-importanza ta' kull kaz partikolari, u dan gara fil-kawza odjerna, fir-rigward tal-effetti li l-kawza odjerna kellha fuq hajjet l-appellanti.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti wkoll hass ruhu aggravat fuq il-konsiderazzjonijiet li l-Ewwel Qorti tat fir-rigward tar-reati tal-fastidju in kwistjoni. Illi l-hames aggravju tal-appellanti jimxi id f'id max-xhieda moghtija mill-parte civile u n-nuqqas ta' konsiderazzjoni moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-parte civile Andy Spiteri ghamel referenza fix-xhieda tieghu ghall-allegat filmat u jew ritratti li allegatament gew *issharjati* mill-appellanti fuq *facebook*. Illi l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett kellha tiehu in konsiderazzjoni zewg principji kardinali.

Fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-oggezzjoni ghal tali xhieda u mhux ixxekkel u ssikkat lid-difiza milli taghmel tali sottomissjoni meta l-istess difiza ddikjarat li tali allegazzjoni ta' *facebook* kienet digà giet trattata f'kawza precedenti, liema kawza datata 12 ta' Marzu 2018, Gordon Abela kien gie liberat minnha. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tilqa' d-dikjarazzjoni u anki l-punt trattat mid-difiza fir-rigward tal-punt legali ta' *nebis in idem.*

Illi bla pregudizzju u fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti, rinfaccjata bl-akkuza specifika ta' fastidju kellha kompletament tiskarta referenzi ghal *facebook* u dan meta *se mai* hemm akkuzi appozitu kif kienu hargu originalment u ta' liema l-appellanti ma nstabx hati quddiem din l-istess Qorti.

Iktar minn hekk, billi sempliciment gew ipprezentati estratti minn fuq *facebook* bl-ebda mod dan m'ghandu jfisser li tali *post* sar mill-appellanti. Dan pero` ma jtaffi xejn mill-fatt krucjali li dawn l-akkuzi kienu digà nstemghu u l-appellanti gie LIBERAT MINNHOM nhar it-12 ta' Marzu 2018.

Illi rinfaccjata b'dan kollu, b'mod partikolari l-fatt li l-appellanti kien deher precedentement quddiem l-Ewwel Qorti fil-kapacità tieghu bhala parte civile (hlief ghall-kawza tat-12 ta' Marzu 2018 rigward il-*facebook* mil-liema hareg liberat), l-

Ewwel Qorti ma setghetx titfixkel f'liema kapacità kien gie l-appellanti u tattribwixxi wiccu ma' kawzi precedenti fejn huwa kien il-vittma u mhux l-aggressur! Dan jinghad minhabba s-semplici fatt li meta l-Ewwel Qorti ma ratx 'wicc gdid' kienet pronta kitbet is-sentenza sahansitra qabel ma semghet ix-xhieda li l-fastidju jissussisti fuq dan il-punt!

Illi minkejja l-possibbilità fil-pratticità taghha, l-Ewwel Qorti ma kellhiex taddotta l-filosofija tat-triq u l-fatt li rat wicc familjari quddiemha (u jerga' jigi <u>enfasizzat</u> fil-kapacità tieghu ta' parte civile) allura necessarjament issib htija u b'hekk tkun solviet id-disgwit u tipprevjeni milli jsiru rapporti ohra futuri. Illi l-Ewwel Qorti kienet mghobbija sabiex taghrbel il-provi li kellha quddiemha fir-rigward tal-akkuza quddiemha u ma tmurx oltre mid-duttrina tal-parametri stabbiliti. Dan l-iktar jinghad fid-dawl tal-fatt li l-piena imposta kienet wahda ferm oltre minn dak idoneju u sahansitra kienet ukoll tinvolvi piena karcerarja effettiva fuq incident fejn l-appellanti safa' vittma u mhux bil-kontra!

Rat dak li gie verbalizzat mill-partijiet fis-eduta tas-7 ta Lulju 2020 u cioe li l-kwerelanti assistiti minn Dr Amadeus Cachia ddikjaraw li ghandhom procedure kriminali fil-konfront taghhom, liema kawzi huwa ppreseduti mill Magistrat Dr Simone Grech u l-mertu ta dawk il-kawzi huma mertu ta dan l-istess incident u ghalhekk talbu li jigu ezentati milli jjghatu x-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti.

Rat li l-avukat Generali f'dan ir-rigward irremetta ruhu ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet maghmula fid-dawl ta' dak li gie verbalizzat seduta stante nhar is-7 ta' Lulju, 2020.

Ikkunsdirat.

Rat ili sabeix din il-Qorti issib htija fir-rigeward taz-zewg akkuzi li l-appellant gie akkzuat bihom hij amehteiga x-xhieda tal-kwerealnti sabeix jipprovaw l-akkuzia moghtija mill-pulizija esekuttiva fil-konfront tal-akkuzat appellant odjern.

Jinghad li ix-xheida allegatament moghtija mill-kwerelanti skond il-verbal datat 9 ta' April 2018[1] ma gietx traskritta.

Rat dak li stqarr **PS 1502 R Grech** fl-affidavit mahluf minnu esebit fl-atti a dol. 2 u cioe li nhar il-21 ta' Dicembru, 2017 bejn it-3.00 p.m u is-7.oopm waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa ta' Hal Qormi gew mitkelma l-kwerelanti fejn dawn stqarrew li kollha raw lil Gordon Abela minn wara l-hgieg tal-hanut 'Japanese Auto Parts' bil-mobile f'idu u skond huma jiehdu ritratti fuq parkegg tat-trakk tal-merkanzija li kien qed ihottu xi xoghol fil-garaxx taghhom Qormi Radiators . Sostnew ukoll li Gordon qal il-kelma 'Kornut' u ghalhekk zied l-argument ta' bejneithom. Dawn il-kwerelanti semmewlu diversi atti ta' provokazzjoni minn Gordon Abela li sehhew matul iz-zmien li jinkludi parkegg ta' van zghir fuq xiri ta' proprjeta(zewg garaxxijiet), muntaggi ta CCTV u cellular fuq is-sit eletroniku 'Facebook' , karozza bomba u karozza ohra b'persuna li kient libsa x'tip ta ghamad li taghhom hemm rapport mal-pulizija u diversi kummenti u mossi.

Huwa ghalhekk ghamle kuntatt mal-appellant u gie mitlub jirrikorri l=-ghassa tal Pulizija ta Hal Qormi biex jigi mitkellem dwar ir-rapport u l-verzjoni moghtija mill-partijiet l-ohra koncernati.

Stqarr li l-appellant qallu li dwar il-kelma 'kornut' li semmew l-partijiet jista' jkun li qalgha pero waqt il-glieda izda mhux qabel. Dwar l-allegazzjoni li kien qieghed bil-mobile f'idu jiehu ritratti jghid li vera kellu l-mobile f'idu izda fuq '*face*book' u fl-ebda hin ma ha xi ritratti Gordon qallu ukoll li kien Angelus Spiteri li stiednitu ghal glied u huwa infurmah li ma anzjani ma jiggelidx. Allega ukoll li osserva lil Andy Spiteri b'id wahda fil-but u iddeskriva l-att li ghamel u cioe li qabad lil Jake minn ghonqu.

Rat numru ta' ritratti esebiti fl-atti li wahedhom ma ifisru u ma jikkoloboraw xejn.

Illi sabeix jigu pruvati iz-zewg akkuzai tal-prosekuzzjoni kien necessarju li jixhdu l-kwerealnti sabeix jghidu kif hassuhom ingurjati u kif effettivament l-appellant ta

[1] Fol. 5 tal-atti processwali

fastidju lilhom. In vista tal-fatti li l-kwerelanti ghazlu li ma jixhdux ifisser li kienu qed jirrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant odjern u b'hekk l-appellant ma kienx ser jisntab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

In vista tal-premess ghalhekk din il-Qorti sejra tilqa' l-appell tal-appellanti mhux ghar ragunijiet imsemmija fir-rikors tieghu izda a bazi ta' nuqqas ta' provi u ghalhekk qeda thassar u tikkancella is-sentenza moghitja fid-9 ta' April, 2018 fl-ismijiet premessi u tillibera lill-appellant minn kul imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur